MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Numru. 617/2011

IL-**PULIZIJA**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**Rita Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Rita Zammit ta’ 36 sena, bint missier mhux maghruf u l-mejta Rose Zammit, mwielda Pieta’ fit-13 ta’ Gunju 1974, residenti gewwa l-fond numru 37, Flat 4, Triq Felic, Cospicua u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 308774M giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Nhar l-14 ta’ Mejju 2011 ghall-habta tal-hamsa ta’ wara nofs inhar, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ gewwa l-iSptar Mater Dei, Msida, ingurjat, hedded, jew ghamlet offiza fuq persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qieghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u cioe’ fuq Dr. Michael Spiteri M.D., fuq Nurse Lauren-Victoria Pulis u fuq PC 786 Stephen Casha ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakkat jew ghamlet resistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-imsemmija Nurse Lauren-Victoria Pulis u PC 786 Stephen Casha, liema persuni huma inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Nurse Lauren-Victoria Pulis, skond kif iccertifikat minn Dr. M. Bellizzi M.D. mill-iSptar Mater Dei ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 786 Stephen Casha, skond kif iccertifikat minn Dr. M.Bellizzi M.D. u minn Dr. Mark Bugeja M.D. mill-iSptar Mater Dei ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'dagha, ghajjat u glied ;

Saret recediva ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilha mill-Qorti ta' Malta nhar is-6 ta' Dicembru 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula jew imhassra.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Mejju 2011 (esebit a fol.11 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputata waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2011 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-20 ta' Frar 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti

wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u taghtha zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha u kien biss wara li staqsietha it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u l-fatt li l-imputata kienet fi stat ta' sokor meta sehh l-akkadut.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96, 221 u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha tmien(8) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tnax(12)-il xahar millum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------